GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Ottubru/Novembru 2023

**Suġġett:** Malti

**Data:** 31 ta' Ottubru 2023

**Ħin:** Siegħa u tletin minuta

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwieġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta’ 350 kelma.

a) L-enerġija mix-xemx u pajjiżna. Iddiskuti.

*jew*

b) Laqgħa ma’ persuna li ilek ħafna ma tara u tkellem. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim it-Test** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**IL-UNESCO**
*Kitba ta’ Amanda Briney mis-sit Efferit.com*

L-Organizzazzjoni Xjentifika u Kulturali Edukattiva tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO), aġenzija fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, hija responsabbli tal-promozzjoni tal-paċi, ġustizzja soċjali, drittijiet tal-bniedem u sigurtà internazzjonali permezz ta’ koperazzjoni internazzjonali fi programmi edukattivi, xjentifiċi u kulturali. Hija bbażata f'Pariġi, Franza u għandha aktar minn 50 uffiċċju madwar id-dinja. Il-UNESCO taħdem b'mod attiv biex tilħaq l-għanijiet ta’ żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti b’enfasi li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-faqar estrem fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jiġi żviluppat programm għall-edukazzjoni primarja universali fil-pajjiżi kollha, ħidma favur il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u t-telf ta' riżorsi ambjentali.

It-twaqqif tal-UNESCO beda fl-1942, matul it-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-gvernijiet ta’ diversi pajjiżi Ewropej iltaqgħu fir-Renju Unit għall-Konferenza tal-Ministri tal-Edukazzjoni (CAME). Matul dik il-konferenza, il-mexxejja tal-pajjiżi parteċipanti ħadmu biex jiżviluppaw modi biex jibnu mill-ġdid l-edukazzjoni madwar id-dinja ladarba l-gwerra tintemm. B'riżultat ta’ dan, ġiet stabbilita l-proposta tal-organizzazzjoni ta’ konferenza futura f'Londra għat-twaqqif ta' għaqda edukattiva u kulturali. Meta dik il-konferenza bdiet fl-1945, kien hemm 44 pajjiż li d-delegati tagħhom iddeċidew li joħolqu organizzazzjoni li tippromwovi kultura ta’ paċi, tistabbilixxi "solidarjetà intellettwali u morali tal-umanità", u tipprevjeni gwerra dinjija oħra. Fi tmiem il-konferenza, 37 pajjiż minn dawk parteċipanti waqqfu l-UNESCO b’kostituzzjoni għaliha li daħlet fis-seħħ fl-4 ta’ Novembru, 1946. L-ewwel Konferenza Ġenerali uffiċjali tal-UNESCO nżammet f'Pariġi bejn id-19 ta' Novembru u l-10 ta’ Diċembru, 1946 b'rappreżentanti minn 30 pajjiż. Minn dakinhar, il-UNESCO kibret b'mod sinifikanti, bin-numru ta’ stati membri llum ilaħħaq il-194.

Sa mit-twaqqif tagħha, il-UNESCO kellha l-għanijiet ewlenin li tippromwovi l-edukazzjoni, il-ġustizzja soċjali, il-paċi u l-koperazzjoni globali. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-UNESCO għandha ħames temi distinti jew oqsma ta’ azzjoni. L-ewwel waħda hija l-edukazzjoni li stabbiliet diversi prijoritajiet fosthom l-edukazzjoni bażika għal kulħadd b'enfasi fuq il-litteriżmu, il-prevenzjoni tal-HIV/AIDS u t-taħriġ tal-għalliema fl-Afrika sub-Saħarjana, il-promozzjoni ta’ edukazzjoni dinjija ta' kwalità kif ukoll servizzi marbuta mal-provvediment ta’ edukazzjoni sekondarja, teknoloġika u dik ogħla.

Ix-xjenzi naturali u l-ġestjoni tar-riżorsi tad-dinja huwa qasam ieħor tal-UNESCO li jħares il-kwalità tal-ilma tax-xorb, l-oċeani u l-promozzjoni tat-teknoloġiji tax-xjenza u tal-inġinerija biex jinkiseb żvilupp sostenibbli kemm f'pajjiżi żviluppati kif ukoll f'dawk li qed jiżviluppaw, flimkien mal-ġestjoni tar-riżorsi u t-tħejjija għal diżastri naturali. Ix-xjenzi soċjali u umani huma t-tielet tema li taħdem għall-ħarsien tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u tiffoka fuq kwistjonijiet globali bħall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu.

Il-kultura hija forsi l-aktar tema prominenti li l-UNESCO hi magħrufa għaliha. Din it-tema tirriklama l-aċċettazzjoni kulturali f'bilanċ maż-żamma tad-diversità kulturali. Hija responsabbli wkoll mill-protezzjoni tal-wirt kulturali dinji fejn hemm fergħa apposta tal-UNESCO, iċ-Ċentru tal-Patrimonju Dinji, li tidentifika siti kulturali u naturali mifruxa mad-dinja kollha biex jitħarsu filwaqt li tħeġġeġ il-manteniment ta' patrimonju kulturali, storiku u/jew naturali. Fost dawn is-siti wieħed isib il-piramidi ta' Giza, il-Great Barrier Reef fl-Awstralja u l-Machu Picchu fil-Peru.

Fl-aħħar nett, il-komunikazzjoni u l-informazzjoni huma s-suġġetti tal-aħħar tema tal-UNESCO li tassigura "influss liberu ta' ideat kemm bil-kelma kif ukoll bl-immaġni" biex tinbena komunità dinjija ta' għarfien kondiviż u tingħata s-setgħa lin-nies permezz ta' aċċess għal informazzjoni u għarfien dwar oqsma differenti li jolqtuhom mill-qrib.

Minbarra dawn il-ħames temi, il-UNESCO għandha wkoll temi speċjali jew oqsma ta' azzjoni li jirrikjedu ħidma kordinata u multidixxiplinari li jinkludu l-bidla fil-klima, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-lingwi u multilingwiżmu u l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Il-UNESCO hija organizzazzjoni
   a. lokali.
   b. Ewropea.
   ċ. internazzjonali. (2)

2. Hija taqa' taħt ir-responsabbiltà
   a. tal-Unjoni Ewropea.
   b. tan-Nazzjonijiet Uniti.
   ċ. tal-awtoritajiet Franċiżi. (2)

3. X'kien l-għan tal-konferenza tal-Ministri tal-Edukazzjoni li ltaqgħu fir-Renju Unit fl-1942? (2)
4. Semmi **ŻEWĠ** għanijiet li kellha tippromwovi l-organizzazzjoni l-ġdida li twaqqfet fil-konferenza ta' Londra fl-1945. (2)
5. Semmi **TLIET** oqsma ta' azzjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-UNESCO. (3)
6. Semmi **ŻEWĠ** problemi li tikkumbatti t-tema tax-xjenzi soċjali u umani. (2)
7. Fisser fi kliemek din is-sentenza mill-ħames paragrafu: *Din it-tema tirriklama l-aċċettazzjoni kulturali f'bilanċ maż-żamma tad-diversità kulturali*. (2)
8. Għaliex taħseb li l-ħidma tal-UNESCO għadha relevanti għal żmienna? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet. (2)
9. Għal liema udjenza taħseb li nkiteb dan l-artiklu? Xi jġagħlek taħseb hekk? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Agħti **kelma /kliem ieħor** bl-istess tifsira għal dak fil-**grassett** fis-silta ta' taħt. (4)

Fl-aħħar nett, il-komunikazzjoni u l-informazzjoni huma s-suġġetti tal-aħħar tema tal-UNESCO li tassigura "**influss** liberu ta' ideat kemm bil-kelma kif ukoll bl-**immaġni**" biex tinbena komunità dinjija ta' **għarfien kondiviż** u tingħata s-setgħa lin-nies permezz ta' **aċċess** għal informazzjoni u għarfien dwar oqsma differenti. (is-sitt paragrafu)

2. Liema kelma minn **paragrafu 7** għandha din it-tifsira:

a. tagħlim ta' għadd ta' ilsna differenti.

b. stima l-istess u indaqs għal kulħadd. (2)

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) Kont fi ġnien pubbliku u rajt xi persuni jwettqu atti vandali. Ikteb rapport lill-pulizija dwar dak li rajt u għamilt.

*Jew*

b) Dan l-aħħar attendejt attività kulturali fil-Belt Valletta. Ikteb rapport dwar din l-attività biex jidher f' rivista lokali.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra ta' 80 kelma.

a) Ikteb ittra lill-maniger tar-ristorant biex tilmenta dwar l-ikel u s-servizz ħażin li ngħatajt meta mort tiekol għandu f'okkażjoni tal-familja.
**Fl-ittra uża dawn id-dettalji**: ismek: Tony/Tania Vella, l-indirizz tiegħek: 7, Triq Il-Għaqda, Qormi, QRM 2143, l-indirizz tar-ristorant: Mill-Kċina, Triq is-Sebħ, Il-Manikata, SPB 1860

jew

b) Ikteb ittra lill-kap tas-sala tal-isptar fejn kont rikoverat/a sabiex turi l-apprezzament tiegħek għas-servizz eċċellenti u l-kura li ngħatajt matul il-jiem li qattajt hemmhekk.
**Fl-ittra uża dawn id-dettalji**: ismek: Tony/Tania Vella, l-indirizz tiegħek: 7, Triq is-Suq, Qormi, QRM 2143, l-indirizz tal-isptar: Sptar Madonna tas-Saħħa, Pjazza San Luqa, Il-Mellieħa. MLĦ1734.

# TMIEM IL-KARTA